



L-Inizjattiva  
taċ-Ċittadini  
Ewropej

# MY VOICE, MY CHOICE: GĦAL ABORT SIKUR U AĊĊESSIBBLI

Bħala waħda mill-istrumenti ewlenin tal-UE għad-demokrazija parteċipattiva, l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (IĊE) tippermetti liċ-ċittadini jistiednu direttament lill-Kummissjoni Ewropea biex tipproponi liġijiet ġodda f'oqasma li fihom l-UE għandha kompetenza. Sa mit-tnedija tagħha, l-IĊE tat vuċi aktar b'saħħitha lill-Ewropej fit-fassil tal-politiki tal-Unjoni, mill-protezzjoni ambjentali sal-ġustizzja soċjali.

L-inizjattiva "My Voice, My Choice: Għal Abort Sikur u Aċċessibbli" hija parti minn dan il-proċess demokratiku, li jenfasizza d-domanda taċ-ċittadini għal kura tas-saħħa riproduttiva sikura madwar l-Ewropa, f'konformità mal-valuri tal-UE tal-ugwaljanza, id-dinjità tal-bniedem, u l-protezzjoni tas-saħħa.



## X'INHUMA L-GĦANIJET TAL-INIZJATTIVA?

Din l-inizjattiva tfittex li ttejjeb l-aċċess għal **servizzi ta' abort sikuri u legali** għan-nisa fl-Ewropa li bħalissa ma għandhomx tali aċċess. L-inizjattiva appellat lill-Kummissjoni Ewropea biex tipprovdi **appoġġ finanzjarju** lill-Istati Membri biex ikunu jistgħu jipprovdu terminazzjoni sikura tat-tqala, f'konformità mal-liġi domestika tagħhom, lil kull min fl-Ewropa għad ma għandux aċċess għal abort sikur u legali, u dan permezz ta' **skema msejsa fuq is-solidarjetà u fuq l-inklużjoni volontarja**, li tippermetti lill-Istati Membri jieħdu sehem b'mod volontarju.

L-inizjattiva ma għandhiex l-għan li tarmonizza l-liġijiet nazzjonali dwar l-abort. Minflok, tiddependi fuq il-**kompetenza ta' appoġġ** tal-UE **fis-saħħa pubblika**, bl-għan li tikkomplementa l-azzjonijiet tal-Istati Membri filwaqt li tirispetta l-oqfsa legali nazzjonali.



## INTERAZZJONI

Din l-inizjattiva għabret **1,124,513-il dikjarazzjoni valida ta' appoġġ** minn ċittadini madwar l-UE, bil-limiti meħtieġa milħuqa f'**19-il pajjiż**.

#EUTakeTheInitiative  
citizens-initiative.europa.eu



## IT-TWEĠIBA TAL-KUMMISSJONI U L-PASSI LI JMISS

L-inizjattiva ġiet ippreżentata formalment lill-Kummissjoni Ewropea għal eżami fl-1 ta' Settembru 2025. Il-Kummissjoni ppreżentat it-tweġiba uffiċjali tagħha fis-26 ta' Frar 2026, li fiha ddikjarat li:

Wara li analizzat bir-reqqa l-inizjattiva u fir-rigward tal-limitazzjonijiet tat-Trattati tal-UE għall-kompetenza tal-UE fil-qasam tas-saħħa pubblika, il-Kummissjoni tenfasizza li l-Istati Membri jistgħu jiddependu fuq l-istrumenti eżistenti tal-UE biex itejbu l-aċċess ugwali għal servizzi tal-kura tas-saħħa legalment disponibbli u affordabbli, inklużi servizzi ta' abort sikuri.

Dan l-appoġġ tal-UE jista' jiġi pprovdut permezz tal-**programm tal-Fond Soċjali Ewropew Plus**

(FSE+), f'każ li l-Istati Membri jkunu jixtiequ, b'mod volontarju u f'konformità mal-liġijiet nazzjonali tagħhom, jipprovdu tali appoġġ, b'mod partikolari billi jużaw jew jallokaw mill-ġdid ir-riżorsi disponibbli taħt il-programmi tal-FSE+ tagħhom. Il-FSE+ jista' jintuża biex itejjeb l-aċċess għal servizzi ta' abort legalment disponibbli, affordabbli u sikuri għan-nisa tqal. Il-FSE+ jista' jappoġġa l-isforzi ta' dawn l-Istati Membri, filwaqt li jagħtihom awtonomija biex jiddeterminaw kif u taħt liema kundizzjonijiet se jiġi pprovdut aċċess għal abort sikur u legali.

Peress li l-appoġġ tal-UE diġà jista' jiġi pprovdut relattivament malajr mill-Istati Membri li jixtiequ jagħmlu dan taħt l-istrumenti eżistenti, mhuwiex meħtieġ li jiġi propost strument legali ġdid.

## DATI IMPORTANTI

**it-23 ta' Frar 2024** L-organizzaturi jitolbu r-reġistrazzjoni tal-inizjattiva



Laqgħa ta' segwitu mal-organizzaturi tal-inizjattiva

**l-10 ta' April 2024** L-inizjattiva hija rreġistrata



**l-1 ta' Ottubru 2025**

L-organizzaturi tal-inizjattiva jiltaqgħu mal-Kummissarju Hadja Lahbib u l-uffiċjali tal-Kummissjoni



**mis-16 sa s-17 ta' Diċembru 2025**

Dibattitu fil-plenarja u adozzjoni ta' riżoluzzjoni fil-Parlament Ewropew



**mill-24 ta' April 2024 sal-24 ta' April 2025** Il-ġbir ta' firem



**l-1 ta' Settembru 2025**

L-inizjattiva tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni



**it-2 ta' Diċembru 2025** Smiġh pubbliku li sar fil-Parlament Ewropew



**is-26 ta' Frar 2026** Il-Kummissjoni tagħti tweġiba uffiċjali



Segwi l-aġġornamenti mill-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej [hawnhekk](#)

Ara stejjer oħra ta' suċċess fil-Forum tal-ICE Forum [hawnhekk](#)